MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Numru 26/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Marvic Mercieca ta' 29 sena, bin Eucharist u Rita nee' Cassar, imwieled Rabat, nhar il-09 ta' Jannar 1984, residenti fil-fond numru 7, Triq l-Ispira, Xaghra, detentur tal-karta ta'l-identita' 7284(G)**

U

**Marlon Xerri ta' 21 sena, bin Victor u Helen nee' Portelli, imwieled Rabat, nhar id-19 ta' Lulju 1991, residenti fil-fond numru Vichel, Triq Santa Verna, Xaghra, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 28391G**

**U**

**Alex Teuma ta' 20 sena, bin Joseph u Evelyn nee' Portelli, imwieled Rabat, nhar id-29 ta' April 1993, residenti fil-fond numru 69, Ave Maria, Triq Ta' Bullara, Xaghra (Ghawdex), detentur tal-karta ta'l-identita' 17693G.**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Marvic Mercieca, Marlon Xerri u Alex Teuma li gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn is-07 u t-08 ta' April 2008, gewwa Triq l-Arcipriet Guzepp Diacono, Xaghra, Ghawdex, ghal habta tas-siegha w nofs (0130hrs) ta' filghodu:

a) serqu television tat-tip View Pia LN 46 IEA3, 46 inch ghad-detriment tax-Xaghra United Football Club, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, sgass.
b) Ukoll talli fl-istess data hin u cirkustanzi serqu television tat-tip View Pia LV26 IEB6, 26 inch ghad-detriment tax-Xaghra United Football Club, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, sgass.
c) Ukoll talli fl-istess data hin u cirkustanzi serqu dvd player tad-ditta Nortek LDVX 2502 ghad-detriment tax-Xaghra United Football Club, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, sgass.
d) U fl-ahhar net talli fl-istess data hin u cirkustanzi serqu satellite decoder tad-ditta Clarke-Tech 2100 ghad-detriment tax-Xaghra United Football Club liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, sgass.
e) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkustanzi serqu sitt mitt Euro (600.00Euro) ghad-detriment tax-Xaghra United Football Club, liema serq huwa aggravat bil-valur, hin, sgass.

U fl-ahharnett lil Marlon Xerri wahdu:

f) talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq il-vettura bin-

numru ta' registrazzjoni FBF314 u dan bi ksur ta'l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
g) Talli saq vettura meta ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni ghal riksji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta'l-artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-15 ta' April 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi t-tlett imputati jinsabu akkuzati bir-reat ta' serq aggravat mix-Xaghra United Football Club fil-lejl ta' bejn is-07 u it-08 ta' April 2008. F'dik il-lejla l-imputati kienu serqu zewg settijiet tat-televizjoni, satellite decoder, dvd player u l-ammont ta' €600. Jidher illi kienu l-imputati Marvic Mercieca u Marlon Xerri li kienu ippjanaw dina s-serqa u billi l-imputat Alex Teuma kien fil-kumpanija ta' Xerri f'dik il-lejla, huwa offra li jaghtihom daqqa t' id. Fil-fatt jirrizulta illi ir-res furtiva inqassmet bejn l-imputati Mercieca u Xerri u Teuma ma ha xejn. Ir-*res furtiva* giet irkuprata mill-pulizija ghajr ghal flus u dawn gew ritornati lill-parti leza fil-mori tal-kawza. Maghdud dana kollu, madanakollu fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2011, l-imputati Xerri u Teuma irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi mill-ittri (a) sa (e) u cioe' l-akkuzi dwar is-serqa, izda l-imputat Marlon Xerri ma ammettiex l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-fatt l-Qorti tistqarr illi l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova illi fil-lejl in kwistjoni l-imputat Xerri kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBF314. L-imputat ighid illi l-affarijiet gew mghobbija fuq il-vettura ta' Marvic u kien Marvic li saq u mhux hu. Illi ghalkemm Saviour Farrugia jixhed u ighid illi l-imputat Xerri ma kellux licenzja tas-sewqan fil-jum indikat fl-akkuza, madanakollu fl-atti ma hemmx prova illi

huwa saq xi vettura f'dak il-jum. Illi ghalhekk fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputati ghall-ewwel hames akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, l-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja ta'l-istess. Izda ghar-rigward ta'l-ahhar zewg akkuzi migjuba kontra l-imputat Marlon Xerri wahdu, l-Qorti ser tilliberah minn dawn l-akkuzi billi l-istess ma gewx sufficjentement ippruvati.

Illi imbaghad fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2011, l-imputat Marvic Mercieca ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ukoll, izda ikkontesta il-fatt illi l-ammont ta' flus li huwa irceva minnghand l-imputati l-ohra kien ta' €20 biss. Illi mill-provi li hemm fl-atti jirrizulta illi fil-cash register fil-jum tas-serqa kienu thallew l-ammont ta' €600 u minn dawn il-flus ma nstab xejn. Kwindi l-imputati kollha li kienu kompartecipi fil-kummissjoni ta' dana id-delitt ghandhom iwiegbu ghal hsara kollha ikkagjonata minnhom. Kwindi fid-dawl ta' dina l-ammisjoni u fid-dawl tal-provi li hemm fl-atti, l-Qorti ser issib lill-imputat Marvic Mercieca hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti tirrileva illi ghalkemm mir-rapport tal-pulizija esebit fl-atti, Dokument JM1 a fols. 6 sa 9, jidher illi kienet saret inkjesta magisterjali in konnessjoni ma' dana ir-reat, madanakollu l-atti tal-*proces verbal* qatt ma gew inseriti fl-atti u l-Ufficjal Prosekutur lanqas xehed ghar-rigward ta'l-investigazzjonijiet li saru minnu, l-imsemmija inkjesta u l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi tnejn mill-imputati kienu taht l-eta fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat izda fuq kollox ir-rapporti imhejjija mill-Ufficjali tal-Probation, Carmen Nygaard, Maria Mifsud u Chantelle Avellino in konnessjoni mal-imputati Alex Teuma, Marlon Xerri u Marvic Mercieca rispettivament. Minn dawn it-tlett rapporti jidher car illi piena karcerarja effettiva ghal dawn it-tlett zghazagh mhijiex idonja, izda huwa ferm importanti illi huma jibqghu jigu segwiti minn nies professjonali sabiex ma jergghux jikkomettu reati simili.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-rigward ta'l-imputati Alex Theuma u Marlon Xerri, l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat Marlon Xerri mis-sitt u is-seba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issib lill-imputati hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba kontriehom, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lil hatja Marlon Xerri u Alex Teuma taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn mil-lum u lill-imputat Marvic Mercieca taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu ta' dina l-ordni jew jekk huma jonqsu mill-jobdu l-Ordni ta' Probation imposta fuqhom illum.

Finalment wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hatja ihallsu lis-Segretarju Xaghra United Football Club is-somma ta' €200 kull wiehed u dana fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dina s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Probation Services skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------